**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru : 224/2019 JPG**

**Kawza Numru : 31**

**RC**

**vs**

**MC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RC, datat 16 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fil-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena 1999 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg markat Dok A.*

*Illi l-partijiet ilhom separati de lege ghal aktar minn erba' (4) snin u cioe' mis-27 ta' Novembru tas-sena 2009 u dan kif jirrizulta minnn kuntratt ta' separazzjoni bonarja in atti tan-Nutar Dottor Naomi Mugliette hawn anness u market Dok B.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' snin mifrudin minn ma xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli*

*Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Regsitraut tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher mhux assistit u gew spjegati lilu drittijiet legali tieghu izda hu rrisponda li ma ghandux bzonn ta' assistenza legali u li mhux qed jopponi ghal dan id-divorzju (vide Verbal 4 ta' Ottubru);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RC** xehdet illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Settembru 1999 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fis-27 ta' Novembru 2009 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed u illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MC** xehed permezz u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Settembru 1999 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel li ghadu minuri;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Naomi Mugliette, datat 27 ta' Novembru 2009 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u li ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi jirrizulta sufficjentement pruvat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attrici rnexxilha tissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**